FIL-QORTI CIVILI
(SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju 2020;**

**Rikors nru: 10/2020 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 14 ta' Jannar 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fl- 10 ta' Mejju 2018, liema zwieg kien gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta bin-numru ta' registrazzjoni 979/2018, u dan kif jindika mic-certifikat anness bhala Dok. A;
2. Peress li l-partijiet dehru fuq kuntratt datat 14 ta' Mejju 2019 in atti tan-nutar Dr Sam Abela li permezz tieghu ittereminaw r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti u ghazlu li jigu regolati bis-separazzjoni tal-assi, Dok. B;

3. Peress li l-kunsens tar-rikorrenti gie miksub b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra, hekk li fixklet serjament il-hajja mizzewwga- Art 19 (1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta;
4. Peress li l-kunsens kien vizjat b' difett serju ta' dikrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga  fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikolgika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg- Art 19 (1)(d) Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta;
5. Peress li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mil-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg, Art 19 (1)(f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Peress illi tant daz-zwieg ma kellux isir, tant li l-partijiet minn ftit xhur wara z-zwieg ilhom ma jghixu flimkien u kien ghalhekk kif deher fuq il-kuntratt sabiex xoljew ir-regim tal-komunjoni tal-akkwsiti bejniethom;
7. Peress li l-partijiet ma kellhomx ulied mill-istess zwieg;
8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;
   a. Tiddikjara li z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fl- 10 ta' Mejju 2018 huwa null ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.
   b. Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ingunt minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat li l-konvenut gie notifikat imma ma pprezentax risposta entro it-terminu lilu moghti ghalhekk tiddikjarah kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-attrici.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-kawza tittratta dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg. Mill-provi prodotti jidher li l-partijiet kienu zzewgu fl-10 ta' Mejju 2018, ftit aktar minn sentejn ilu. Erbat ijiem wara, huma temmew ir-regim ta' komunjoni ta' akkwisti bejniethom permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Mejju, 2018. L-attrici qed tressaq talba ghall-annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut ai termini tal-Artikoli 19(1)(c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti hija sprovvista ghal kollox mill-provi f'din il-kawza. L-attrici l-anqas ipprezentat affidavit taghha biex tispjega minn xiex ghaddiet u x'wassalha li taghmel talba ghall-annullament taz-zwieg. Il-kawza hija nieqsa minn fatti essenzjali biex tizen u tara jekk jezistux l-elementi tan-nullita' taz-zwieg. L-unici provi li gew prodotti mill-attrici huma c-certifikat taz-zwieg tal-partijiet, il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, u – jekk tista' titqies bhala prova – ir-rikors guramentat. Il-Qorti ma gietx prodotta bi provi dwar qerq jew nuqqas ta' parti, jew dwar difett serju ta' diskrezzjoni minn parti, jew kunsens miksub b'mod ivvizzjat. Biex kawza bhal din tirnexxi, jehtieg li jigu prodotti provi biex jissostanzjaw it-talbiet maghmula. Illi ghalhekk, il-Qorti m'ghandha xejn x'tezamina. Jidher li l-partijiet izzewgu fid-data indikata, skond ic-certifikat taz-zwieg esebit, u li ftit jiem wara, huma tterminaw l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Dan il-fatt wahdu ma jistax iwassal lill-Qorti tipprova timmagina jew tissoponi li kien hemm simulazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet, jew li kien hemm difett fil-kunsens jew li tali kunsens inkiseb b'xi qerq minn parti. Il-Qorti ma tistax tilghab loghba u tipprova timmagin x'seta gara fiz-zwieg bejn il-partijiet. Jirrizulta biss li kien hemm zwieg bejn il-partijiet, u xejn aktar. Lanqas

dikjarazzjoni ta' kemm dam dan iz-zwieg, u ghaliex spicca – jekk effettivament spicca. Donnu l-Qorti hadet impressjoni li l-attrici riedet tikseb xi forma ta' divorzju qabel iz-zmien, peress illi lanqas ghaddew erba' snin mid-data taz-zwieg. Izda l-Qorti ma tistax thares lejn talba ghad-dikjarazzjoni ta' annullament b'mod legger. Il-Qorti suppost tevalwa l-provi prodotti quddiemha biex tara jekk iz-zwieg kellux difett inerenti fih li jwassal necessarjament ghad-dikjarazzjoni ta' nullita'. Fin-nuqqas assolut ta' provi, il-Qorti ma tistax taghmel dan.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici.

ANTONIO G VELLA
Imhallef

CONCETTA GAUCI
Deputat Registratur